DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

18 ta' Marzu 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikoli 2, 206 u 273 – Prinċipju ta' newtralità fiskali – Tnaqqis tal-ammont tal-VAT dovut mill-persuni taxxabbli affettwati mit-terremot li seħħ fis-6 ta' April 2009 fir-reġjun ta' Abruzzo"

Fil-Kawża C-37/23 [Giocevi] [i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Jannar 2023, fil-proċedura

Agenzia delle Entrate

vs

PR,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn N. Piçarra (Relatur), President tal-Awla, N. Jääskinen u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal PR, minn F. Camerini u A. Rossi, avvocati,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Herold, J. Jokubauskaitė u F. Tomat, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat konformement mal-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-132/06, EU:C:2008:412) u fid-digriet tal-15 ta' Lulju 2015, Nuova Invincibile (C-82/14, EU:C:2015:510), dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn l-Agenzia delle Entrate (l-Awtorità tat-Taxxa, l-Italja) u PR, nutar, dwar it-talba, imressqa minn dan tal-aħħar, għar-rimbors fl-ammont ta' 60 % tal-VAT li huwa ħallas għall-perijodu bejn April 2009 u Diċembru 2010.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessa 45 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT"), tipprovdi:

"L-obbligi ta' persuni taxxabbli għandhom ikunu armonizzati kemm jista' jkun biex ikun assigurat il-ħarsien meħtieġ tal-ġbir tal-VAT b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha."

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. It-transazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għall-VAT:

(a) il-provvista ta' merkanzija magħmula bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

[…]

(ċ) il-provvista ta' servizzi bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

[…]"

5 L-Artikolu 206 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Kwalunkwe persuna taxxabbli responsabbli għall-ħlas tal-VAT għandha tħallas l-ammont nett tal-VAT meta tippreżenta d-denunzja tal-VAT prevista fl-Artikolu 250. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jistabbilixxu data differenti biex jitħallas dak l-ammont jew jistgħu jitolbu li jsiru ħlasijiet interim."

6 Skont l-Artikolu 273 tal-istess direttiva:

"L-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi oħrajn li jidhrulhom meħtieġa biex jiżguraw il-ġbir korrett ta' VAT u biex ma ssirx frodi, soġġett għall-ħtieġa ta' trattament indaqs bejn transazzjonijiet domestiċi u transazzjonijiet li jsiru bejn Stati Membri minn persuni taxxabbli u

sakemm dawn l-obbligi, fin-negozju bejn Stati Membri, ma jagħtux lok għal formalitajiet konnessi mal-qsim ta' fruntieri.

[…]"

Id-dritt Taljan

Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 78 tal-31 ta' Mejju 2010

7 L-Artikolu 39 tad-decreto-legge n. 78 – Misure urgenti in materia di stabilizzazione finanziaria e di competitività economica (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 78 dwar Miżuri Urġenti fil-Qasam tal-Istabbilizzazzjoni Finanzjarja u fil-Qasam tal-Kompetittività Ekonomika, li sar liġi b'emendi permezz tal-Liġi Nru 122 tat-30 ta' Lulju 2010), tal-31 ta' Mejju 2010 (Suppliment Ordinarju għall-GURI Nru 125 tal-31 ta' Mejju 2010), jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li, għall-persuni fiżiċi li jkollhom dħul minn negozju jew dħul minn attività indipendenti u għall-persuni għajr il-persuni fiżiċi li d-dħul mill-bejgħ tagħhom ma jaqbiżx EUR 200 000, it-terminu ta' sospensjoni tal-obbligi u tal-ħlasijiet fiskali għandu jkun estiż sal-20 ta' Diċembru 2010, mingħajr rimbors tal-ammonti diġà mħallsa. L-Artikolu 39(3) jipprevedi li, għal dawn il-persuni kollha, it-terminu ta' sospensjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u ta' previdenza u tal-primjums tal-assigurazzjoni obbligatorja għall-inċidenti u għall-mard ikkaġunat mix-xogħol għandu jiġi estiż sal-15 ta' Diċembru 2010, mingħajr rimbors tal-ammonti diġà mħallsa. Dawn il-miżuri ma għandhomx japplikaw għat-taxxi f'ras l-għajn li għandhom jinġabru fuq id-dħul għajr dak miksub minn attività professjonali jew indipendenti u għall-ħlasijiet relatati.

Il-Liġi Nru 183/2011

8 L-Artikolu 33(28) tal-legge n. 183 – Disposizioni per la formazione del bilancio annuale e pluriennale dello Stato (legge di stabilità 2012) (il-Liġi Nru 183 Li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet għat-Tħejjija tal-Baġit Annwali u Multiannwali tal-Istat (il-Liġi ta' Stabbiltà għall-2012)) tat-12 ta' Novembru 2011 (Suppliment Ordinarju għall-GURI Nru 265, tal-14 ta' Novembru 2011), fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 183/2011"), jipprevedi, sabiex ikun permess l-istabbiliment mill-ġdid wara s-sitwazzjoni ta' emerġenza b'riżultat tat-terremot li laqat lir-reġjun ta' Abruzzo (l-Italja) fis-6 ta' April 2009, li l-ġbir tat-taxxi previsti fl-Artikolu 39 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 78 tal-31 ta' Mejju 2010 għandu jitkompla, mingħajr applikazzjoni ta' penalitajiet, ta' interessi u ta' spejjeż anċillari, permezz ta' ħlas f'120 pagament mensili ugwali mix-xahar ta' Jannar 2012 u li l-ammont dovut għal kull taxxa jew kontribuzzjoni li kienet is-suġġett ta' sospensjoni, nett tal-ħlasijiet diġà mwettqa, għandu jitnaqqas għal 40 %.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 PR, nutar, talab ir-rimbors ta' somma ta' EUR 102 088 għall-VAT imħallsa għall-perijodu bejn April 2009 u Diċembru 2010, abbażi tal-Artikolu 33(28) tal-Liġi Nru 183/2011, li jipprevedi tnaqqis ta' 60 % tal-ammont tat-taxxi li l-ħlas tagħhom kien ġie sospiż wara t-terremot li seħħ fir-reġjun ta' Abruzzo fis-6 ta' April 2009.

10 L-awtorità tat-taxxa ċaħdet din it-talba minħabba li d-dispożizzjoni invokata kienet teskludi r-rimbors tal-ammonti ta' VAT diġà mħallsa.

11 PR ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Commissione tributaria provinciale di L'Aquila (il-Kummissjoni Fiskali Provinċjali ta' L'Aquila, l-Italja), li ċaħdet dan ir-rikors.

12 PR appella quddiem il-Commissione tributaria regionale dell' Abruzzo (il-Kummissjoni Fiskali Reġjonali ta' Abruzzo, l-Italja), fejn sostna li s-sitwazzjoni tal-persuni taxxabbli li kienu għadhom ma ħallsux il-VAT u li għalhekk setgħu jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-ħlas li kellu jsir kienet identika għal dik tal-persuni taxxabbli li wettqu dawn il-ħlasijiet u li, għaldaqstant, għandhom ikunu jistgħu jitolbu r-rimbors tas-somom żejda mħallsa.

13 Min-naħa tagħha, l-awtorità tat-taxxa talbet is-sospensjoni tal-kawża fl-istennija tad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni Ewropea fi tmiem il-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 108 TFUE, miftuħa permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru 2012, Għajnuna mill-Istat Nru SA.33083 (2012/C) (ex 2012/NN) & SA.35083 (2012/C) (ex 2012/NN) – Taxxi mnaqqsa u kontribuzzjonijiet relatati mad-diżastri naturali u taxxi mnaqqsa u kontribuzzjonijiet marbuta mat-terremot f'Abruzzo fl-2009 (is-setturi kollha minbarra tal-agrikoltura) (ĠU 2012, C 381, p. 32).

14 Permezz ta' sentenza tas-6 ta' Marzu 2014, il-Commissione tributaria regionale dell' Abruzzo (il-Kummissjoni Fiskali Reġjonali ta' Abruzzo) laqgħet l-appell u ddikjarat li r-rifjut tar-rimbors tal-VAT lil PR kien illegali.

15 L-awtorità tat-taxxa ppreżentat appell ta' kassazzjoni minn dik is-sentenza quddiem il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), li hija l-qorti tar-rinviju. Insostenn tal-appell tagħha, l-awtorità tat-taxxa tallega b'mod partikolari ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE u tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1 p. 339).

16 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni tagħha (UE) 2016/195 tal-14 ta' Awwissu 2015 dwar il-miżuri SA.33083 (12/C) (ex 12/NN) implimentata mi[r-Repubblika Taljana] u relatata ma' benefiċċji fiskali u kontributorji marbutin ma' diżastri naturali (li jikkonċernaw is-setturi kollha minbarra l-agrikultura) u SA.35083 (12/C) (ex 12/NN) implimentata mi[r-Repubblika Taljana] u relatata ma' benefiċċji fiskali u kontributorji marbutin mat-terremot tal-2009 fl-Abruzzo (li jikkonċernaw is-setturi kollha minbarra l-agrikultura) (ĠU 2016, L 43, p. 1), adottata fi tmiem il-proċedura msemmija fil-punt 13 tad-digriet preżenti, ikkonkludiet li l-miżuri inkwistjoni, b'mod partikolari dawk adottati abbażi tal-Artikolu 33(28) tal-Liġi Nru 183/2011, kienu inkompatibbli mas-suq intern.

17 Il-qorti tar-rinviju tqis li, konformement mal-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni, hija għandha tikkonstata l-inkompatibbiltà, ma' dan id-dritt, tal-miżuri li permezz tagħhom ir-Repubblika Taljana rrinunzjat milli tapplika u/jew milli tiġbor ammonti dovuti bħala VAT, indipendentement mill-motivi speċifiċi invokati mill-partijiet fil-kawża li hija adita biha.

18 Dik il-qorti tirrileva li ma teżistix ġurisprudenza speċifika dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 33(28) tal-Liġi Nru 183/2011 u tistaqsi sa fejn il-prinċipji stabbiliti fid-digriet tal-15 ta' Lulju 2015, Nuova Invincibile (C-82/14, EU:C:2015:510), fir-rigward tal-vantaġġ previst fl-Artikolu 9(17) tal-legge n. 289 – Disposizioni per la formazione del bilancio annuale e pluriennale delle Stato (legge

finanziaria 2003) (il-Liġi Nru 289 Li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet għat-Tħejjija tal-Baġit Annwali u Multiannwali tal-Istat (il-Liġi Finanzjarja 2003)) tas-27 ta' Diċembru 2002 (Suppliment Ordinarju għall-GURI Nru 305, tal-31 ta' Diċembru 2002) (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 289/2002"), jistgħu jiġu trasposti għall-kawża li hija adita biha.

19 L-imsemmija qorti tfakkar li, f'dak id-digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-132/06, EU:C:2008:412), li kienet tirrigwarda l-Artikoli 8 u 9 tal-Liġi Nru 289/2002, sabiex tiddeċiedi li l-miżuri li kienu inkwistjoni f'dak iż-żmien ma kellhomx l-effett li jtaffu lill-persuni taxxabbli mill-piż fiskali rrappreżentat mill-VAT, iżda kellhom l-effett li jippermettu lil uħud minnhom iżommu jew jirċievu somom imħallsa mill-konsumatur finali u dovuti lill-awtorità tat-taxxa, bi ksur tal-prinċipju ta' newtralità fiskali.

20 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-vantaġġ miksub mit-tnaqqis tal-ammont tal-VAT, ibbażat fuq l-Artikolu 33(28) tal-Liġi Nru 183/2011, iwassal għall-istess effetti bħal dawk ikkundannati mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjonijiet iċċitati fil-punti 18 u 19 tad-digriet preżenti. Madankollu, hija tirrileva, filwaqt li tiddubita r-rilevanza tagħhom, ċerti differenzi allegati minn PR bejn il-leġiżlazzjoni Taljana kkonċernata minn dawn id-deċiżjonijiet u dik inkwistjoni quddiemha. Fil-fatt, l-ewwel, il-Liġi Nru 183/2011, kuntrarjament għal-Liġi Nru 289/2002, ma tipprekludix lill-awtorità tat-taxxa milli twettaq verifiki, it-tieni, l-ammont tat-tnaqqis tal-VAT huwa inqas fil-Liġi Nru 183/2011 u, it-tielet, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' din l-aħħar liġi huwa iktar limitat.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte suprema di Cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Il-prinċipji ddikjarati fid-digriet […] tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 2015, Nuova Invincibile […], fil-Kawża C-82/14, EU:C:2015:510, kif ukoll fis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja, fil-Kawża C-132/06, EU:C:2008:412, jipprekludu dispożizzjoni leġiżlattiva, bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 33(28) tal-legge n. 183 del 2011 (il-Liġi Nru 183[/2011]), li tippermetti lill-kontribwenti jiksbu rimbors ta' 60 % tal-VAT imħallsa fil-perijodu bejn April 2009 u Diċembru 2010 b'rabta mat-terremot li laqat it-territorju ta' Abruzzo fis-6 ta' April 2009?"

Fuq id-domanda preliminari

22 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 2, 206 u 273 tad-Direttiva dwar il-VAT moqrija flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, favur il-persuni taxxabbli affettwati mit-terremot li laqat r-reġjun ta' Abruzzo, tnaqqis ta' 60 % tal-ammont tal-VAT normalment dovut minn dawn il-persuni taxxabbli matul il-perijodu ta' bejn April 2009 u Diċembru 2010.

23 Skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull mument, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat meta r-risposta għal domanda preliminari magħmula tkun tista' tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza.

24 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata f'din il-kawża.

25 Fil-fatt, minkejja li l-kawżi li taw lok għas-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-132/06, EU:C:2008:412), u għad-digriet tal-15 ta' Lulju 2015, Nuova Invincibile (C-82/14, EU:C:2015:510), ma kinux jirrigwardaw l-Artikolu 33(28) tal-Liġi Nru 183/2011, il-konklużjonijiet li għandhom jinstiltu minn din il-ġurisprudenza jistgħu jiġi trasposti għaċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti.

26 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dritt nazzjonali jipprevedi biss tnaqqis ta' 60 % tal-ammont normalment dovut tal-VAT, u mhux rimbors tal-VAT diġà mħallsa, li l-benefiċjarji tiegħu huma l-persuni suġġetti għall-VAT li jkunu qegħdin jaġixxu bħala tali, fis-sens tal-Artikolu 2(1) (a) u (ċ) tad-Direttiva dwar il-VAT.

27 F'dan ir-rigward, jirriżulta, fl-ewwel lok, mill-Artikoli 2, 206 u 273 tad-Direttiva dwar il-VAT, moqrija fid-dawl tal-premessa 45 tagħha, kif ukoll tal-Artikolu 4(3) TUE, li kull Stat Membru għandu l-obbligu jadotta l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi kollha xierqa sabiex jiġi żgurat il-ġbir tal-VAT kollha dovuta fit-territorju tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-132/06, EU:C:2008:412, punt 37, u d-digriet tal-15 ta' Lulju 2015, Nuova Invincibile, C-82/14, EU:C:2015:510, punt 22).

28 Fit-tieni lok, id-Direttiva dwar il-VAT għandha tiġi interpretata konformement mal-prinċipju ta' newtralità fiskali inerenti għas-sistema komuni tal-VAT, li skontu operaturi ekonomiċi li jwettqu l-istess operazzjonijiet ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti fir-rigward tal-ġbir tal-VAT. Kull azzjoni tal-Istati Membri relatata mal-ġbir tal-VAT għandha tosserva dan il-prinċipju (digriet tal-15 ta' Lulju 2015, Nuova Invincibile, C-82/14, EU:C:2015:510, punt 23, u sentenza tas-7 ta' April 2016, Degano Trasporti, C-546/14, EU:C:2016:206, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Fit-tielet lok, is-sistema ta' tnaqqis hija intiża li tiggarantixxi n-newtralità tal-VAT, billi teħles kompletament lill-persuna taxxabbli mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi kollha tagħha, irrispettivament mill-għanijiet jew mir-riżultati ta' dawn l-attivitajiet, bil-kundizzjoni li dawn ikunu, bħala prinċipju, suġġetti għall-VAT (digriet tal-15 ta' Lulju 2015, Nuova Invincibile, C-82/14, EU:C:2015:510, punt 24; ara s-sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Schütte, C-453/22, EU:C:2023:639, punt 19).

30 Fid-digriet tal-15 ta' Lulju 2015, Nuova Invincibile (C-82/14, EU:C:2015:510, punt 25), ġie kkonstatat li l-Artikolu 9(17) tal-Liġi Nru 289/2002 – li kien jipprevedi favur il-persuni taxxabbli affettwati mit-terremot li laqat lill-provinċji ta' Catania, ta' Ragusa u ta' Siracusa (l-Italja), jew tnaqqis ta' 90 % tal-VAT normalment dovuta għas-snin 1990 sa 1992, jew rimbors, f'dan il-proporzjon, tal-ammonti diġà mħallsa f'dan ir-rigward – kellu bħala effett, mhux li jtaffi lill-persuni taxxabbli kkonċernati mill-piż fiskali rrappreżentat mill-VAT, iżda li jippermetti lil ċerti persuni taxxabbli jżommu jew jirċievu somom imħallsa mill-konsumatur finali u dovuti lill-awtorità tat-taxxa.

31 Sa fejn din id-dispożizzjoni, bis-saħħa tat-tnaqqis tal-VAT normalment dovuta li hija kienet tipprevedi, kienet tippermetti lill-persuni taxxabbli kkonċernati jżommu jew jirċievu l-parti l-kbira tal-ammont tal-VAT miġbura fuq il-kunsinni ta' beni u l-provvisti ta' servizzi, filwaqt li persuni taxxabbli oħra fit-territorju Taljan kellhom iħallsu l-ammont sħiħ tal-VAT normalment dovuta lill-awtorità tat-taxxa, abbażi ta' dawn it-tranżazzjonijiet, din kienet twassal għal differenza

fit-trattament li tmur kontra l-prinċipju ta' newtralità fiskali (digriet tal-15 ta' Lulju 2015, Nuova Invincibile, C-82/14, EU:C:2015:510, punt 26; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-132/06, EU:C:2008:412, punt 44).

32 F'dan il-każ, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-Artikolu 33(28) tal-Liġi Nru 183/2011 jimplimenta l-istess mekkaniżmu bħal dak introdott mil-Liġi Nru 289/2002, jiġifieri tnaqqis sinjifikattiv tal-ammont dovut bħala VAT li kienet is-suġġett ta' sospensjoni minħabba sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirriżultaw minn diżastri naturali.

33 Huwa irrilevanti f'dan ir-rigward li t-tnaqqis tal-VAT previst minn din il-liġi huwa inqas minn dak li jirriżulta mill-Artikolu 9(17) tal-Liġi Nru 289/2002, inkwistjoni fid-digriet tal-15 ta' Lulju 2015, Nuova Invincibile (C-82/14, EU:C:2015:510). Fil-fatt, għalkemm inqas, tali tnaqqis iwassal għall-istess effetti bħal dawk irrilevati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 30 u 31 tad-digriet preżenti.

34 Tali konstatazzjoni ma tistax tiġi invalidata mill-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fl-imsemmi digriet, bid-differenza mill-Artikolu 33(28) tal-Liġi Nru 183/2011, kienet iċċaħħad lill-awtoritajiet, minħabba n-natura awtomatika tagħha, minn kull possibbiltà ta' verifika tas-sitwazzjonijiet taxxabbli.

35 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikoli 2, 206 u 273 tad-Direttiva dwar il-VAT, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, favur il-persuni taxxabbli affettwati mit-terremot li laqat r-reġjun ta' Abruzzo, tnaqqis ta' 60 % tal-ammont tal-VAT normalment dovut minn dawn il-persuni taxxabbli matul il-perijodu ta' bejn April 2009 u Diċembru 2010.

Fuq l-ispejjeż

36 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 2, 206 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

dawn jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, favur il-persuni taxxabbli affettwati mit-terremot li laqat r-reġjun ta' Abruzzo (l-Italja), tnaqqis ta' 60 % tal-ammont tat-taxxa fuq il-valur miżjud normalment dovut minn dawn il-persuni taxxabbli matul il-perijodu ta' bejn April 2009 u Diċembru 2010.

Firem